**Issa li għadda kollox**

Għaddew il-festi tal-Milied
Waqgħet il-kalma tas-Smewwiet.

Kellna festi mill-aktar sbieħ
Ħa jkunu għalina tnebbieħ.

Li s-sena kollha karità
Mħaddna bis-solidarjetà.

Ħadd minna ma jgħix għal rasu
Lil kull bniedem nagħtu kasu.

Waqt li bis-skiet qed inżarmaw
Nikbru fis-sewwa w nintramaw.

Għal dak kollu li jinqala'
Fl-imħabba t'Alla jinbala'.

Kristu għalina teżor kbir
Ningħaqdu miegħu bla tnikkir.

Għalina jibqa' l-aqwa żmien
Fih ngħixu fl-hena bla dewmien.

Ħallih f'qalbek imħabbtu jonqos
Bih f'ħajtek għandek il-kollox.

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Jannar 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.